QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

Il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Qala ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg ,Qala, fil-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Clint Camilleri – Sindku
Paul Buttigieg – Viċi Sindku
Paul Buttigieg – Kunsillier
Jesmond Borg – Kunsillier
Karl Buttigieg - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Clint Camilleri ippresjeda l-laqgħa.

### 19.1 Talba

19.1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Peress li l-minuti tat-tmintax il-laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsidrati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 19.3 Karnival 2017.

19.3.1 Is-Sindku semma li l-attivita` tal-Karnival 2017 fil-lokalita` ser tigi organizzatha nhar il-Gimgha 24 ta' Frar 2017. Gie diskuss il-programm li gie ppreparat u li ser ikun jikkonsisti f' danzi, l-kompetizzjonijiet u l-kukkanja.

## 19.4 Laqgha tal-lokalita`.

19.4.1 Il-Kunsill iddecida li l-laqgha tal-lokalita` ghandha jsir il-Gimgha 3 ta' Frar 2017.

## 19.5 Ghazla tal-*expression of interest* dwar ftehim rigward il-gbir ta' skart tal-ippakeggjar (skart separat).

19.5.1 Il-Kunsill ircieva zewg proposti dwar *expression of interest* dwar ftehim rigward il-gbir ta' skart tal-ippakeggjar (skart separat) minghand il-Green Mt u l-GreenPak. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament iddecida li ghandha tigi maghzula l-proposta ta' GreenPak. Dan peress li matul is-snin li l-Kunsill kellu ftehim mal-Green Mt u li dawn mhux dejjem onoraw il-ftehim li kien hemm, kif ukoll l-Kunsill lanqas kien qed jircievi l-pagamenti li kellu jiehu minn ghandhom fil-hin u ta' dan il-Kunsill gie mwissi kemm il-darba mill-awdituri li jaghmlu l-awditjar tal-Kunsill. Haga ohra hi li l-klawsoli offruti mill-GreenPak kienu aktar vantaggjuzi.

## 19.6 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/07579/16 sabiex jinbidel l-uzu ta' *store* ghal *souvenir shop* f'Hondoq ir-Rummien.

19.6.1 Giet trattata l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/7579/16 sabiex jinbidel l-uzu ta' *store* ghal *souvenir shop* f'Hondoq ir-Rummien. Giet ippreparatha ittra sabiex tintbghat lill-Awtorita` tal-Ippjanar li l-Kunsill isib oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni ghax l-uzu propost m'huwiex kompatibbli mal-inhawi kif ukoll li kieku

dan kellu jsir ikun il-kawza biex isiru xogholijiet infrastrutturali biex ikun provdut servizz ta' drenagg permezz tal-fosos li daqstant vicin tal-bahar mhuwiex konsiljabbli. Barra minn dan, il-proposta, jekk accettata tista' tkun il-kawza ta' iktar zvilupp fl-inhawi liema zvilupp jiznatura z-zona. Il-Kunsill iddecida li ghandha tizdied is-sentenza li unanimament ma jaqbilx ma din l-applikazzjoni.

## 19.7 Zjara fil-Canale Montenaro, l-Italja.

19.7.1 Is-Sindku ta' rendikont taz-zjara li saret fil-Canale Montenaro, l-Italja ghal bidu ta' Jannar 2017. Ghal din iz-zjara attenda huwa flimkien mal-Vici Sindku Paul Buttigieg u rapprezentant mill-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Joseph' Qala, Victor Grech. Huwa semma li saret zjara mat-tlett irhula l-ohra mill-preferija ta' Ruma li ser jaghmlu gemellagg mal-Kunsilli taz-Zebbug u l-Gharb u Ghajnsielem li diga` huwa ggemellat. Huwa ta spejgazzjoni taz-zjara kif ukoll semma li l-Kunsill il-gdid ta' Canale Montenaro accettaw li jaghmlu gemellagg mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku semma li fis-sajf ser isir zjara fil-Qala u li ser ikun jikkonsisti fi grupp kbir. Il-Kunsill iddecida li dawn ghandhom jigu fil-*Qala International Folk Festival*.

## 19.8 Possibilita` ta' fondi ewropej.

19.8.1 Is-Sindku semma li ser johorgu applikazzjonijiet ghal fondi mill-unjoni ewropej sabiex isiru toroq rurali kif ukoll jinbnew il-hitan tas-sajjieh. Il-Kunsill iddiskuta li ghandha jsir applikazzjoni sabiex tittranga Triq ta' Gulju u t-Triq maghrufa bhala ta' Ghajn Hagar.

## 19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

19.9.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 9/2016, SP 10/2016 u SP 11/2016. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 19.10 Korrispondenza.

19.10.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

Kopja ta' Planning Control Application Form bin-numru PC 0060/16 mill-Awtorita` tal-Ippjanar. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni.

Ittra mibghuta minn Sergio Mallia Chief Operating Officer mill-WEEE Malta sabiex jitqieghed WEEE trolley fil-bini tal-Kunsill fejn in-nies ikunu jistghu jiddisponu materjal tal-elettriku u l-elettronika zghir. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

Ittra mibghuta minn Joe Grima mill-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki dwar l-Annual Vintage Motors Festival li ser isir bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2017 u li qed jitolbu permess sabiex parti minn dan il-festival isir fil-lokalita` tal-Qala. Il-Kunsill qabel ma

dan.

Ittra mibghuta minn Noel Mizzi mill-Qala Saints Football Club dwar talba sabiex il-Kunsill jaghmel reklam fuq il-calendarju taghhom li jiswa €100 kif ukoll ghall-ghajnuna finanzjarja ta’ €700 ghal Albert Mizzi Memorial Tournament. Il-Kunsill iddecida li ma jaghti ebda ghajnuna peress li ma jistghax jaghmel dan skond cirkulari numru 38/2016 tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

Protest mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ta’ Nicholas Zammit ta’ 34, Triq Palma, Rabat, Ghawdex vs Kunsill Lokali Qala dwar l-offerti ghal tiknis u tindif ta’ toroq u qtuh ta’ haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A) u tiknis u tindif ta’ toroq u qtuh ta’ haxix in *an environmentally friendly manner* (zona B) li huwa kien issottometta.

Ittra mibghuta mill-Avukat Carmelo Galea dwar nota ta’ sottomissjonijiet tal-appellant Joseph Cassar f’isem Gozo Prestige Holidays Limited dwar PAB 222/2016.

Ittra mibghuta minn Franco Cini dwar proposta sabiex l-isqaqin li hemm fi Triq il-Wardija jinghataw numru. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq.

Ittra mibghuta mill-Avukat Carmelo Galea dwar il-ftehim bejn il-Kunsill Lokali Qala u Road Construction Company Limited dwar manutenzjoni fi Triq Andar ix-Xaghari. Huwa bghat ukoll kopja ta’ ittra tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar din il-materja. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ffirmat dan il-ftehim.

Giet trattata din il-materja:

Gew trattati l-*Performance Reports* tal-haddiema li huma assenjati mal-Kunsill mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*.

Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-22 ta’ Ottubru 2016 sas-27 ta’ Jannar 2017 minn referenza numru 170/16 sa referenza numru 217/16 u 1/17 sa 20/17 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 102/16 sa referenza numru 120/16 u 1/17 sa 4/17 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

Is-Sindku semma li l-iskrivana Roseanne Azzopardi ser tiehu *sick leave* fit-tul u ghalhekk ser tigi mqabbda persuna ohra sabiex toqghod minflokha sakemm terga tigi lura.

## 19.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

19.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:00 ta’ filghaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 14 ta’ Marzu

2017 fis-6:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 14 ta' Marzu 2017.

Clint Camilleri
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Eżekuttiv